

# "Rothmans Special Mild give me the taste and satisfaction I really enjoy."




"They say it's because Rothmans use only the best tobacco – and that is what really counts in a mild cigarette. If you are looking for a mild cigarette you can taste, ask for Rothmans Special Mild in the red pack."

Rothmans

SPECIAL MILD

The best tobacco money can buy

għaliex kont imbeżżgħa, imma għaliex xtaqt noqgħod qrib tiegħek?

TONI: Lanqas għaddieli-l-iċken ħsieb minn moħħi.

MARIE: Fhimtek. Dan ifisser li għalik jien ma ngħodd xejn.

TONI: Tgħidx hekk. Għid li jiena baħnan u m'għaraftx ngħożż il-ħlewwa tiegħek.

MARIE: Temminni issa, Ton?

TONI: Nemmnek. Il-ħażin hu li jien wasalt biex nitlaq lura lejn Malta.

MARIE: B'daqshekk x'sa jiġri?

TONI: Irrid ngħid li miniex sa nagħmillek kumpanija għal żmien twil. Dalwaqt sa tarġa' ssib ruħek waħdek.

MARIE: Tagħtik qalbek li tħallini waħdi, meta taf li ġejt hawn minħabba fik?

TONI: Imma jiena ma nisax noqgħod hawn għal dejjem.

MARIE: Daż-żgur. Lanqas jien ma rrid dan.

TONI: Illum jew għada jkollna ninfirdu.

MARIE: Tgħidhiex dil-kelma. Nixtieq li ma ninfirdu qatt.

TONI: Marie, ifhimni: mhux li nixtiequ jgħodd, imma dak li jkollna nagħmlu.

MARIE: Daqshekk hu! Imma x-xewqa, jekk irridu, tista' sseħħ u ssir fatt.

TONI: Miniex nifhmek.

MARIE: Trid li nibqgħu dejjem flimkien?

TONI: U żgur li rrid.

MARIE: Jien ukoll irrid li nibqa' dejjem miegħek. La rridu t-tnejn m'hemmx raġuni għala ma jkunx hekk.

TONI: Inti lesta li tiġi miegħi Malta?

MARIE: Lesta biex niġi miegħek fejn teħodni int.

TONI: Kellha raġun ix-xiħa Naplitana tgħidli li l-qronfol aħmar kien sa jġibli r-riżq.

MUŻIKA TA' L-EGĦLUQ.

**TMIEM**